

# DUN KARM, GĦANDNA BŻONNOK!

## DISKORS QUDDIEM IL-MAFKAR TA' DUN KARM

IL-ĦADD, 23 TA' OTTUBRU 2005

**GĦODWA TA' TIFKIRA**
**F'ĠIEĦ IL-POETA NAZZJONALI**
**DUN KARM**

**IL-ĦADD, 23 TA' OTTUBRU 2005**
**QUDDIEM IL-MAFKAR TAL-POETA NAZZJONALI, IL-FURJANA**

*Organizzata mill-Kumitat Festi Nazzjonali*
*mill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti u*
*mill-għaqdiet kollha tal-Malti*

Tliet Għanjiet
*jaqra David Agius Muscat*

Dun Karm, Għandna Bżonnok!
*Mons. Lawrenz Cachia*

Il-Għanja ta' l-Imħabba
*jaqra David Agius Muscat*

Sewwa Qallek Dun Karm
*lirika ta' Charles Flores, mużika ta' Chan Vella*
*ikanta Enzo Gusman*

Inħobbok
*jaqra David Agius Muscat*

Tqegħid ta' kuruni mal-mafkar

Kelmtejn mill-Ministru l-Onor. Louis Galea

L-Innu Nazzjonali
*ikanta Enzo Gusman*

Imexxi l-programm is-Sur Charles Coleiro

Niżel sa fl-aħħar
wiċċu daħkan
u qabeż barra
mill-ajruplan

Żagħżugħ fuq ruħu
mibni saffejn;
miktub ġo ħarstu:
"Biża' ta' xejn!"

B'dawk il-kelmiet fuq fommna u ġo widnejna konna ninżlu fix-xelter mimlijin kuraġġ u tama: tama li l-ajruplani tagħna fl-aħħar ser jirbħu. U dik it-tama ma qarrqitx bina.

Hekk il-poeżiji ta' Dun Karm intgħaġnu miegħi u saru biċċa minn ruħi. U ma jiddispjaċinix: għax il-poeżiji ta' Dun Karm huma għajn ta' filosofija b'saħħitha u ta' kitba mill-isbaħ.

Mela issa Dun Karm kien sar għalija mhux biss il-qassis twajjeb, imma wkoll l-artist li bħal saħħar ta' l-għaġeb jaf joħloq dinjiet ta' ġmiel u lingwa li ddoqq ġo widnejja, ukoll meta ma tkunx akkompanjata mill-leħen irqiq tal-mandolina jew ta' xi strument ieħor.

Imbagħad meta l-gwerra waslet biex tintemm Dun Karm telaq lejn Tas-Sliema u ġo Ħaż-Żebbuġ ħassejna li ħalla vojt kbir. Iżda ġo qalbna le. Għax il-marka li ħalla fina kienet wisq fondaġ u ma setgħetx titħassar aktar.

Meta kbirt għaraft aħjar il-merti letterarji ta' Dun Karm mhux biss meta flejt bir-reqqa l-kitbiet tiegħu iżda wkoll bil-għajnuna ta' studji kritiċi tajbin bħalma huma dawk tal-Professur Oliver Friggieri u tal-Professur Prospero Grech.

Iżda bdejt nagħraf ukoll aħjar lil Dun Karm bħala bniedem u sibt li Dun Karm kellu kwalitajiet oħra mhux komuni. Ngħidu aħna, Dun Karm kien bniedem kuraġġuż.

Il-kuraġġ ta' Dun Karm deher diversi drabi. Ngħidu aħna, il-biċċa l-kbira tal-Maltin kienu jibżgħu jsemmu isem Vassalli, Dun Karm ma beżax isemmih u jiktiblu wieħed mill-aqwa sunetti tiegħu. Iżda barra s-sunett famuż, kitiblu wkoll l-hekk imsejħa *Leġġenda tas-Sepolcri* fejn xebbah lil Vassalli mal-poeta Taljan Ugo Foscolo. F'dik il-proża poetika fuq Vassalli u Foscolo, Dun Karm wera li jaf jagħżel bejn ix-xnigħat imċajpra u r-realtà storika, u bejn valur u ieħor. Fuq kollox wera li jaf jiżen il-valur tal-bniedem bħala bniedem, jiġifieri bħala persuna umana. Distinzjonijiet li ftit kienu jsiru f'dak iż-żmien ta' passjoni politika u preġudizzji reliġjużi.

Eżempju ieħor tal-kuraġġ ta' Dun Karm li nixtieq insemmi huwa l-għażla tiegħu favur il-foqra jew favur il-poplu: hija l-istess ħaġa għax dak iż-żmien il-poplu Malti kien fqir u fqir ħafna. Dun Karm għamel għażla favur il-foqra meta għażel li jwarrab il-pinna Taljana, li biha kien diġà kiseb isem, u jieħu f'idejh pinna Maltija. Dun Karm ta kontribut kbir favur l-ilsien tal-poplu mhux biss għaliex kiteb l-isbaħ poeżiji li qatt inkitbu bil-Malti u dizzjunarju prattiku tal-Malti imma wkoll għaliex bil-kuraġġ u l-eżempju tiegħu ġibed warajh ruxxmata kittieba li kienu jibqgħu lura kieku hu ma fetaħx it-triq u mexa quddiemhom.

Issa għaddew ħafna snin minn meta miet Dun Karm u minn meta l-Malti sab l-għarfien uffiċjali li kien jistħoqqlu bħala lsien pajjiżna, u l-letteratura tiegħu żviluppat b'xejriet moderni wkoll. Iżda jiena nemmen li lil Dun Karm għad għandna bżonnu.

Iva, Dun Karm, għad għandna bżonnok ħafna. Għandna bżonnok sabiex tgħinna nsaħħu l-valuri veri u ma nilludux ruħna li l-aħjar filosofija hija dik li tiddubita minn kollox u li tinbidel skond kif ikun jaqblilna dak il-ħin. Illum ħafna qed jinġibdu minn xettiċiżmu esaġerat li jiddubita minn kollox u ma jrid jintrabat ma' xejn. Għandna bżonnok, Dun Karm ta' *Il-Jien u Lilhinn Minnu*, biex ma nibqgħux nimxu bħal agħma bil-bastun itektek kull pass li jagħti.

Għandna bżonnok, Dun Karm, sabiex nibqgħu nitkellmu bil-Malti ta' veru u mhux b'Malti mkisser u mfarrak bħal dak li nisimgħu kuljum fuq il-mezzi tax-xandir u naqraw f'xi ġurnali.

Għandna bżonnok, Dun Karm, sabiex mhux biss nitkellmu l-kelma Maltija sħiħa u qawwija, iżda wkoll biex nitkellmu u niktbu Malti sabiħ li jdoqq fil-widna kif kont titkellem u tikteb int, għalkemm ma nippretendux li nistgħu nilħqu l-livell għoli li lħaqt inti.

Għandna bżonnok biex nifhmu lkoll li mhux veru li bil-Malti kollox jgħaddi. Għalik mhux kollox kien jgħaddi iżda kont tgħarbel u ssaffi l-kliem qabel tikteb u qabel titkellem. Aħna nifhmu li llum l-għarbiel tagħna jrid ikun kemmxejn differenti minn dak li kont tuża int, għax iż-żminijiet inbidlu. Iżda ma nistgħux narmu l-għarbiel il-baħar u niktbu u nitkellmu mingħajr studju u mingħajr kriterji.

Fuq kollox, għandna bżonnok biex, fuq l-eżempju u t-tagħlim tiegħek, inżommu bejnietna mhux biss it-tolleranza imma wkoll ir-rispett, il-komprensjoni, l-għaqda u s-sliem, u dan nagħmluh mhux biss fil-qasam tal-lingwa u tal-kultura, iżda wkoll f'kull qasam ieħor tal-ħajja Maltija.

Għalhekk irrid nistħajlek, Dun Karm, li dalgħodu qed ittenni, mhux lil Ħaż-Żebbuġ biss, kif għamilt ħafna snin ilu, iżda lil Malta kollha kemm hi dawn il-versi:

Imma ftakar illi l-għaqda
biss iġġib il-qawwa, r-riżq;
tinqasamx fil-fehmiet tiegħek,
għall-annuna xejn mhu wisq.

Ħaddem qalbek, ħaddem ħsiebek,
ta' dirgħajk ħaddem l-għeruq;
ħa narak, kif rajtek darba,
tielgħa, tielgħa, tielgħa 'l fuq.

Mons. Lawrenz Cachia twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1932 u kien kappillan tal-Gudja u Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ sa l-1984. Ilu snin twal jikteb bil-Malti u fuq il-Malti. Fost il-kotba tiegħu nsibu: *Prizmi – poeżiji*, *Il-Verbi fil-Malti*, *Mikiel Anton Vassalli – ħajtu fil-qosor*, *Grammatika ġdida tal-Malti*, *Il-Kantiku Spiritwali* – maqlub mill-Ispanjol ta' San Ġwann tas-Salib, *Dun Karm – il-Poeta Nazzjonali*, *Ħabbew l-Ilsien Malti*, *L-Ilsien Malti: il-bierah u llum* u *Ilsna Semitiċi*.

## Dun Karm Psaila (1871-1961)

Dun Karm twieled f'Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871. Il-ġenituri tiegħu kienu wlied ir-raba' imma missieru kien baħri.

Dun Karm studja s-seminarju u ta' 23 sena sar qassis.

Fl-1896 ħareġ l-ewwel kiteb ta' versi *Foglie d'alloro,* ġabra ta' sebgħa u tletin poeżija bit-Taljan li kiteb meta kellu bejn sbatax u erbgħa u għoxrin sena.

Waħda mill-ġrajjiet koroh li ħalliet effett kbir fuqu kienet il-mewt ta' ommu fl-1909. Ma' din il-kriżi ssieħbet oħra sena wara meta l-awtoritajiet tal-Knisja ġiebu minn Ruma lill-Kardinal La Fontaine biex jifli l-qagħda ekkleżjastika lokali. Ir-riforma laqtet sewwa lis-seminarju fejn kien jgħallem Dun Karm u ġabet bidla sħiħa fil-ħajja ta' kuljum tal-poeta. Minn issa 'l quddiem Dun Karm sab ruħu maqtugħ mill-ambjent li kien jgħożż u kien stqarr li sab ruħu "midfun ħaj fi tliet kmajriet fil-Belt fejn ma kont naf lil ħadd u ħadd ma kien jafni". Kien f'din id-dar fi Triq l-Ifran li kiteb uħud mill-aqwa poeżiji fuq medda ta' sitta u għoxrin sena.

Kien fl-1912 meta Mons. Pawl Galea u Ġużè Muscat Azzopardi ltaqgħu ma' Dun Karm fil-Palazz, il-Belt, u talbuh jiktbilhom poeżija bil-Malti għar-rivista *Il-Ħabib*. Kellha tkun din l-okkażjoni li wara snin twal jikteb bit-Taljan tħajjar jaqleb għall-Malti. L-ewwel poeżija tiegħu bi lsienna kienet *Quddiem Xbieha tal-Madonna* u xandarha fl-ewwel ħarġa ta' *Il-Ħabib* fl-1 ta' Frar 1912. Kellu erbgħin sena.

Minn dak in-nhar Dun Karm baqa' jikteb bil-Malti u poeżiji bħal *Innu Malti, L-Għanja tar-Rebħa, Lil Malta, Għal Dun Mikiel Xerri, Lil Mikiel Anton Vassalli* u *Wied Qirda* wassluh biex ikun magħruf bħala l-poeta nazzjonali. Aktarx l-aqwa biċċa xogħol tiegħu hija *Il-Jien u Lilhinn Minnu* li hu stess fissirha "għanja tal-moħħ, tal-qalb u tar-ruħ".

Dun Karm miet fl-isptar tal-Blue Sisters fit-13 ta' Ottubru ta' l-1961.

## KUMITAT FESTI NAZZJONALI 2005

*Chairman* Nazju Abela

*Segretarju* Anton Miceli

*Membri* Marika Bayliss, Joseph Borda, Charles Caruana, Charles Coleiro, Gaetano Cuschieri, Tony C. Cutajar, Alfred Formosa, Joyce Guillaumier, Margaret Mercieca, Lawrence Mizzi, Martin Morana

## IL-KUNSILL NAZZJONALI TA' L-ILSIEN MALTI

*President* Prof. Manwel Mifsud

*Viċi-President* Dr Josette Attard

*Segretarju* George Farrugia

*Membri* Prof. Albert Borg, Joseph P. Borg, Dr Charles Briffa, Victor Cauchi, Dr Ray Fabri, Prof. Joe Friggieri, Dr Simone Inguanez, Mario Schiavone

*Direttur Eżekuttiv* Olvin Vella

Tifkira organizzata mill-Kumitat Festi Nazzjonali, mill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti u mill-għaqdiet tal-Malti.